**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 102/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**John BORG**

**Illum, 15 ta' Mejju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Marzu 2023 fil-konfront ta' **John BORG**, iben Lawrence u Mary nee` Attard, imwieled Siġġiewi nhar it-12 ta' Settembru 1953, residenti ġewwa 128, Casa Borg, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0733853(M), li ġie mixli talli:

Nhar it-30 ta' Novembru 2021, għall-ħabta tal-10:00 hrs, kif ukoll fil-ħinijiet u ġranet ta' qabel, fil-fond 17, Flat 2, Triq Maestro Filippo Galea, Żebbuġ:

1. Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II (uħud minnhom imniżżla fi Skeda I), meta dawk l-għasafar, ma ġewx dikjarati mal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21; jew kienu ġew importati legalment skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu ġew meħuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tagħhom saret skond il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwistati b'mod legali skond id-Direttiva 2009/147/KJE tal-UE, jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(e) tal-L.S. 549.42;

2. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet u ġranet ta' qabel, kien fil-pussess ta' kwalunkwe kampjun ta' għasafar, jew ta' għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, kemm ħaj jew mejjet, jew parti minn kampjun, skond is-subregolament (1) mingħajr ma żamm fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li dam fil-pussess ta' kampjun, il-permessi, ċertifikati, u kull dokument ieħor li jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tar-regolament 6(3) tal-L.S. 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet u ġranet ta' qabel, iddispona minn xi għasfur jew għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li ġie ddikjarat permezz ta' applikazzjoni mal-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mit-taqsima tar-Regolamentazzjoni

għall-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur tar-regolament 4(2) u 21(10) tal-L.S. 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e), 4(2), 6(3) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum appellant) ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1500) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tista' titħallas b'rati mensili ta' mitt ewro (€100). F'każ ta' ħlas b'rati mensili, l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u kemm il-darba ma jitħallasx, jiġi kkonvertit fi priġunerija skont il-liġi.

   Fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (kif emendat), il-Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi John BORG appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex:

*"Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena.*

*B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti tagħti piena aktar idoneja għall-każ in kwistjoni billi tirriduċi l-multa imposta.*"

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi nhar il-25 ta' Lulju 2023, l-Avukat Ġenerali ppreżenta risposta għar-rikors tal-appell intavolat mill-appellant, li permezz tagħha wieġeb illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu 2023, fl-ismijiet fuq premessi, għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi r-rikors tal-appell ġie trattat mill-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2023, miżmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2024, miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jistrieħu fuq ir-rikors u r-risposta rispettiva tagħhom, kif ukoll fuq it-trattazzjoni li saret fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2023.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar is-26 ta' Novembru 2021, għall-ħabta tat-8.30 a.m., Pulizija mill-Iskwadra tal-EPU ossia l-Ispettur Elliot Magro, PC 544 Darren Micallef u PS 130 Roderick Farrugia għamlu spezzjoni ġewwa l-fond 17(2), Triq Maestro Filippo Galea, Żebbuġ, Malta, fuq skorta ta' mandat maħruġ mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech, fuq suspett ta' pussess ta' tajr illegali li kien qiegħed jinżamm fuq il-bejt ta' din ir-residenza, u dan wara illi ntbagħat rapport lill-istess Skwadra. Fuq il-post ġie mitkellem Roderick Borg, li ġie nfurmat bir-rapport u ngħata kopja tal-mandat u tad-drittijiet tiegħu, u ġew mogħtija lilu d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, inkluż id-dritt għall-assistenza legali,

liema dritt huwa rrinunzja għalih u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Il-Pulizija wettqu spezzjoni fis-sular ta' isfel tal-fond, kif ukoll fil-garaxx li kien jinsab taħt ir-residenza, fejn ma sabu xejn irregolari. Madankollu, waqt l-ispezzjoni li saret fil-kamra tal-bejt, il-Pulizija sabu vettrina bit-tajr ibbalzmat, liema vetrina ġiet issiġġilata sabiex isir elenku tal-kontenut tagħha mid-Dipartiment tal-*Wild Birds Regulation Unit* (WBRU) u mill-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Saret ukoll spezzjoni mill-Pulizija fil-fond 126, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi, ossia fir-residenza tal-appellant, għal tajr illegali, liema spezzjoni rriżultat fin-negattiv.

7. Illi jirriżulta wkoll illi sussegwentement, nhar it-30 ta' Novembru 2021, għall-ħabta tad-9.00 a.m., PS 130 Roderick Farrugia u PC 544 Darren Micallef reġgħu aċċedew fl-istess fond ġewwa Ħaż-Żebbuġ, flimkien ma' Stefan Azzopardi u Maria Attard, Uffiċjali mill-ERA, u ma' Cassie Grech u Thomas Borg, Uffiċjali mill-WBRU. Dawn tal-aħħar għamlu elenku u verifiki tat-tajr li kien jinsab fil-vettrina, u għamlu wkoll verifiki mad-dokumenti li kienu jinsabu fil-pussess ta' Roderick Borg. Irriżulta illi fil-vettrina kien hemm ukoll xi tajr li kien reġistrat fuq missier Roderick Borg, u ċioe` John Borg, l-appellant. Minn dawn il-verifiki rriżulta li fost it-tajr reġistrat fuq John Borg, kien hemm ħdax-il tajra reġistrati, li kienu nieqsa. Ukoll, mill-istess vettrina ġiet elevata tajra Wiżża tal-Maskra Bajda (*White-Fronted Goose*), li ma kinitx reġistrata.

8. Jirriżulta wkoll illi dakinhar stess, għall-ħabta tal-11:00 a.m., John Borg mar l-uffiċju tal-EPU, fejn huwa ġie nfurmat li kien sejjer jiġi mitkellem fir-rigward ta' tajr ibbalzamat li kien instab fil-vettrina fir-residenza 17, Flat 2, Triq Maestro Filippo Galea, Ħaż-Żebbuġ. Huwa ġie mogħti d-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt għall-assistenza legali, u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Mitkellem dwar it-tajr reġistrat li ma kienx instab, huwa stqarr illi dan kien tmermer u remih. In kwantu għat-tajra Wiżża tal-Maskra Bajda, huwa qal li dik kienet tat-trobbija, kif ukoll illi kien ħaseb illi l-Wiżża Griża kienet kaċċabbli. Huwa ġie nfurmat li kienu se jittieħdu passi fil-konfront tiegħu rigward it-tajr illi kien iddispona minnu mingħajr id-debita awtorizzazzjoni mill-Awtorita' regolatorja, kif

ukoll rigward it-tajra żejda illi kellu fil-kollezzjoni.[1] Mix-xhieda ta' Stefan Azzopardi, jirriżulta illi t-tajra li ma kinitx reġistrata kienet *White-Fronted Goose* ossia tajra protetta u mhux Wiżża Griża jew *Grey-Lab Goose*, li hija kaċċabbli.[2]

9. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant BORG jilmenta mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn din sabet ħtija fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet hekk kif miġjuba kontra tiegħu, u dan għaliex skont hu, ma ġiex ippruvat sal-grad taċ-ċertezza morali illi r-reati in kwistjoni twettqu fil-parametri taż-żmien fiċ-ċitazzjoni kif dedotta kontra tiegħu. Huwa jsostni illi sabiex jitqiesu ntegrati r-reati miġjuba fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet, kien jeħtieġ li jiġi ppruvat li fil-perjodu ta' bejn it-23 ta' Novembru 2021 u t-30 ta' Novembru 2021, l-appellant kellu fil-pussess tiegħu, mingħajr id-debita awtorizzazzjoni, tajra protetta u dan bi ksur tal-liġi.

10. Illi l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu, jew li jistgħu jingħataw.

11. Illi l-partikolaritajiet taż-żmien, lok, u ħin ta' meta jitwettaq reat daqskemm ukoll tal-fatti li jsawruh iridu jkunu ppreżentati b'mod inekwivokabbli fiċ-ċitazzjoni, sabiex l-imputat ikollu stampa ċara ta' dak li huwa jkun qed jiġi mixli bih u jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.

12. Fir-rigward tal-interpretazzjoni li jagħtu l-Qrati tad-diċitura utilizzata fiċ-ċitazzjoni sabiex tindika l-parametri temporali tal-imputazzjoni, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jefrin Grech**, tal-15 ta' April 2021, fejn ġie osservat kif it-terminoloġija utilizzata fiċ-ċitazzjoni għandha dejjem tiġi nterpretata b'referenza għaż-żmien kif indikat fil-kalendarju. Ġie rilevat kif il-kliem 'xhur ta' qabel' għandu jkun intepretat b'mod tali li ssir

[1] Ara l-affidavit ta' PS 130 Roderick Farrugia (a fol. 7 *et seq* tal-proċess), u l-affidavit ta' PC 544 Darren Micallef, (a fol. 9 *et seq* tal-proċess), ix-xhieda ta' Stefan Azzopardi (a fol. 14 *et seq* tal-proċess), u x-xhieda ta' Casey Grech (a fol. 37 *et seq* tal-proċess).
[2] Ara a fol. 15 tal-proċess.

distinzjoni bejn 'xhur' u 'snin', hekk li fejn il-parametri temporali jridu jestendu għal sena jew għal aktar minn sena, allura d-diċitura li għandha tiġi utilzzata ma tistax tinkludi fiha t-terminu 'xhur' għaliex tnax-il xahar isarrfu f'sena. Meta l-parametru temporali fiċ-ċitazzjoni jkun jirreferi għall-ġurnata speċifika u għax-xhur ta' qabel dik id-data, dan m'għandux ikopri perjodu ta' aktar minn ħdax-il xahar minn dik id-data kif indikata. Ir-reat kif ikkontemplat fiċ-ċitazzjoni kif ippreżentata (jew kif korretta) jista' biss jitqies integrat kemm-il darba l-perjodu temporali jiġi sorrett mill-provi sal-grad rikjest mil-liġi fil-kamp penali. Hekk fis-sentenza ta' **Grech**, intqal is-segwenti:

> 51.**Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa li tinkludi jiem u xhur, għalkemm hija lokuzzjoni li hija aċċettata minn dawn il-Qrati xorta waħda trid tiġi użata b'ċerta attenzjoni**. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira ordinarja skont il-kalendarju. B'hekk il-kalendarju għandu kliem li jirriflettu kunċetti termporali speċifiċi. Erba' u għoxrin siegħa jagħmlu jum. Tmienja u għoxrin jum jew disa' u għoxin jum jistgħu jagħmlu x-xahar ta' Frar skont f'liema sena dak ix-xahar jaħbat; daqs kemm tletin jew wieħed u tletin jum isawru l-kumplament tax-xhur skont il-kalendarju. Mill-banda l-oħra sebat ijiem jagħmlu ġimgħa daqskemm erba' jew ħames ġimgħat, skont kif jaħbtu, jagħmlu wkoll xahar. Iżda bla dubju tnax il-xahar jagħmel sena.
>
> 52. Mistqarr dan kollu b'hekk meta din il-Qorti tiġi konfrontata b'lokuzzjoni akkużatorja li tgħid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara" Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bħala li tirreferi għax-xahar ta' Lulju kollu, inkluż il-jiem u xhur ta' wara. Din il-frażi filwaqt li tinkludi "xhur", ma ssemmix "snin". Minn din il-lokuzzjoni tat-tieni imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara li pero ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar ċar u speċifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li għadd kbir ta' xhur jista' wkoll jikkostitwixxi snin. Iżda l-Liġi kriminali ma tistax tiġi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa. Ir-riferenza għal

> xhur għandha tkun ristretta għal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jagħmlux flimkien aktar minn sena. Għalhekk il-kelma "xhur" għandha tinftiehem li tinkludi sa massimu ta' total ta' tnax il-xahar inkluż ix-xahar li għalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkużatorju.
>
> 53. F'dan il-każ għalhekk din il-Qorti tista' tinterpreta t-tifsira ta' "xhur" bħala li tinkludi dak l-ispazju temporali bejn Lulju 2006 u l-aħħar jum ta' Ġunju 2007. Iżda mhux aktar minn hekk għaliex mad-dekors tal-aħħar jum ta' Ġunju jidħol fix-xena il-kuntest ta' "sena" jew "snin" – ħaġa li f'dan il-każ tħalliet barra mill-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni kontestata minnha lill-appellat. [enfasi ta' din il-Qorti]

13. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano** tas-26 ta' Ottubru 2016, li għaliha jagħmel referenza wkoll l-appellant fir-rikors odjern, il-Qorti tal-Appell addottat ukoll din il-linja ta' interpretazzjoni ta' 'ġranet ta' qabel' bħala li tfisser perjodu ta' sebat ijiem rikonduċibbli b'lura mid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni, meta l-kliem utilizzat ikun jaqra 'fid-data (partikolari) u fil-ġranet ta' qabel'. F'din is-sentenza ngħad hekk:

> 16. Issa, l-Avukat Ġenerali jsostni li l-prosekuzzjoni ġabet provi skjaċċanti li juru mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-appellat ma kellu l-ebda permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jarmi terrapien fil-baħar. Qabel xejn, pero`, **irid jiġi stabbilit jekk saritx prova li ntema terrapien "fis-17 ta' Awwissu 2006 u fil-ġranet ta' qabel din id-data", kif jinsab akkużat l-appellat. Jiġi stabbilit illi l-kliem "fil-ġranet ta' qabel" ċertament jirrestrinġi l-perijodu għal mhux aktar minn ġimgħa.** F'dar-rigward qed issir referenza għax-xhieda tal-prosekuzzjoni:
>
> .../...
>
> 23. Ix-xiehda dwar rimi ta' materjal eżatt kif toħroġ mill-Freeport hi biss hearsay. **L-ebda xhud ma ngħab li xehed li ra dan ir-rimi fil-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni (fis-17 ta' Awwissu 2006 u l-ġranet ta' qabel").** X'setgħet rat ix-xhud Aimee Brincat

> jitgħabba fuq barkun fis-26 ta' Lulju 2006 huwa rrilevanti għax ma jaqax fil-perijodu imputat. [enfasi ta' din il-Qorti]

14. Fil-każ in diżamina sabiex l-appellant seta' jinstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, ried jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi huwa kien fil-pussess tal-Wiżża tal-Maskra Bajda mingħajr id-debita awtorizzazzjoni u ċertifikazzjoni, fil-perjodu temporali ta' bejn it-23 ta' Novembru 2021 u t-30 ta' Novembru 2021 hekk kif il-perjodu ndikat fiċ-ċitazzjoni odjerna ossia "*nhar it-30 ta' Novembru, 2021 ghall-habta ta' 10:00hrs kif ukoll fil-hinijiet u granet ta' qabel*" seta' jirrisali biss għal massimu ta' ġimgħa qabel id-data tat-30 ta' Novembru 2021. L-appellant jilmenta illi ma kienx hemm provi li jreġġu dan il-fatt, ossia illi fiż-żmien indikat huwa kien fil-pussess, jew kellu fil-kontroll tiegħu, it-tajra msemmija, u dan fir-residenza ta' ibnu u ċioe` fil-fond 17/2, Triq Maestro Filippo Galea, Żebbuġ.

15. Veru dak li jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, illi fid-dati tas-26 ta' Novembru 2021 u tat-30 ta' Novembru 2021, meta l-Uffiċjali tal-Pulizija u sussegwentement, l-Uffiċjali tal-Pulizija flimkien mar-rappreżentanti tal-ERA u tal-WBRU, marru fil-fond in kwistjoni ġewwa Ħaż-Żebbuġ, l-appellant ma kienx preżenti. Biss preżenti fuq il-post, kien hemm ibnu, Roderick Borg li, kif jgħid ukoll tajjeb l-appellant, jirriżulta illi fil-bidu kien is-suġġett tal-investigazzjoni, tant illi l-investigazzjoni bdiet fir-residenza tiegħu, proprju fejn instabet il-vettrina in kwistjoni. In-Notifika ta' Spezzjoni mill-Uffiċjali tal-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi, datata 26 ta' Novembru 2021, ħarġet ukoll fil-konfront tal-istess Roderick Borg fil-fond imsemmi.[3]

16. L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti straħet fuq dak li iben l-appellant stqarr mal-Uffiċjali preżenti fil-fond nhar it-30 ta' Novembru 2021 u jgħid illi x-xhieda tal-kompliċi jew ta' suspettat tista' tagħmel prova biss kontra tiegħu u mhux kontra terzi, u għalhekk ma tistax tagħmel prova kontra l-istess appellant. Dan jgħidu għaliex l-ewwel Qorti kkunsidrat hekk fis-sentenza appellata:

[3] Ara a fol. 36 tal-proċess.

> Mir-rapport ipprezentat mir-rapport tar-rapprezentant tal-WBRU nghad is-segwenti: "*Roderick stated that both his and his father's taxidermy collections were located at Roderick Borg's residence in Zebbug*." Roderick Borg ma giet qatt ingunt bhala xhud fil-proceduri odjerni. Madankollu minn spezzjoni li saret mill-pulizija fil-fond li fih jirrisjedi l-qua imputat u cioe` 126, Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, Siggiewi tat rizultati negattivi. Meta mitkellem mill-pulizija, wara li nghata d-drittijiet tieghu, l-qua imputat ammetta li kien rema xi speci ghaliex kienu tmermru u li kien hemm xi speci protetta li ma kinitx giet irregistrata mal-awtorita` kompetenti. Ghaldaqstant l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti gew sodisfacentament ippruvati.

17. Din il-Qorti tqis illi l-appellant mhux korrett meta jgħid illi l-ewwel Qorti straħet fuq dak li ngħad minn Roderick Borg lill-Uffiċjali preżenti fil-fond fil-konfront ta' missieru, l-appellant. Anzi l-ewwel Qorti osservat illi Roderick Borg baqa' ma xehedx fil-proċeduri kontra l-appellant u għaddiet sabiex tikkunsidra wkoll illi fil-fond li fih kien jirrisjedi l-istess appellant ma nstab xejn.

18. Din il-Qorti tqis illi ġie stabbilit mill-Uffiċjali tal-ERA u tal-WBRU illi kienu jeżistu żewġ applikazzjonijiet għaż-żamma ta' għasafar protetti ibbalzmati tas-sena 2003 – waħda tal-appellant u l-oħra ta' ibnu Roderick Borg – li kienu t-tnejn reġistrati fuq ir-residenza tal-appellant fiż-żmien meta saru dawn l-applikazzjonijiet, illi ġie stabbilit ukoll illi ġewwa r-residenza tal-appellant ma kien hemm xejn, u illi meta saru l-verifiki fir-residenza ta' iben l-appellant mill-istess Uffiċjali tal-ERA u tal-WBRU billi ġie identifikat it-tajr u ġie mqabbel dak misjub fuq il-post ma' dak li kien ġie reġistrat fuq iż-żewġ applikazzjonijiet, irriżulta illi kemm il-kollezzjoni reġistrata fuq l-appellant, kif ukoll dik reġistrata fuq ibnu kienu fil-fatt jinsabu fl-istess residenza ta' ibnu Roderick Borg. Fir-rigward, din il-Qorti tqis ukoll illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-30 ta' Novembru 2021, wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, in kwantu għat-tajr li kien reġistrat fuq ismu u li kien nieqes mill-kollezzjoni, l-appellant stqarr illi dan kien iddispona minnu għaliex kien tmermer, filwaqt illi in kwantu għat-tajra protetta, li ma kinitx reġistrata, huwa stqarr illi din kienet tat-trobbija u ħaseb illi l-Wiżża Griża kienet kaċċabbli.

19. Illi kemm mix-xhieda ta' Stefan Azzopardi, kif ukoll mix-xhieda ta' Casey Grech, jirriżulta illi fuq il-post, instabet Wiżża tal-Maskra Bajda jew *White Fronted Goose*, illi ma kienet iddikjarata fuq l-ebda applikazzjoni ossia la fuq dik ta' Roderick Borg u lanqas tal-appellant odjern u illi kienet protetta bil-liġi fiż-żmien tal-każ odjern, b'dan għalhekk illi l-pussess tagħha kien illegali. Fir-rigward l-appellant isostni li t-tajr li nstab fl-indirizz ta' ibnu Roderick Borg ġewwa Ħaż-Żebbuġ ma kienx baqa' tiegħu, stante illi huwa kien applika sabiex jittrasferixxi l-kollezzjoni kollha lil ibnu fis-sena 2009. Għaldaqstant jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tattribwixxi ż-żamma tal-Wiżża tal-Maskra Bajda lilu. Dwar dan, jirriżulta mir-rapport esebit minn Casey Grech, għan-nom tal-WBRU, illi "*From desk research, it was found that John Borg applied to transfer his taxidermy collection to his son Roderick Borg with MEPA through application 0323_TRF_ERA dated 10th August 2009, however this application has not yet been processed by either MEPA or WBRU*".[4]

20. Illi dwar dan, din il-Qorti tqis illi in kwantu għall-pussess materjali tat-tajra protetta, m'hemmx dubju illi fiż-żmien li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, tali pussess ma kienx tal-appellant, iżda ta' ibnu, Roderick Borg, la darba din instabet fir-residenza tiegħu. Għalkemm huwa evidenti mill-istqarrija tal-appellant, illi f'xi żmien din it-tajra protetta kienet tinsab fil-pussess fiżiku tiegħu fit-termini tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, madankollu, żgur illi ma jirriżultax illi dan kien il-każ fil-parametri temporali taċ-ċitazzjoni li għalihom jirreferu dawn l-imputazzjonijiet.

21. Illi mbagħad in kwantu għall-pussess kostruttiv tal-istess tajra protetta da parti tal-appellant, din il-Qorti tqis ukoll illi minkejja dak li jirriżulta mir-rapport esebit minn Casey Grech dwar l-applikazzjoni tal-missier sabiex jittrasferixxi l-kollezzjoni tiegħu lil ibnu, din it-tajra protetta qatt ma ġiet reġistrata u allura lanqas ma kienet tifforma parti minn dik l-applikazzjoni tal-missier sabiex isir it-trasferiment tagħha. Apparti illi mill-provi proċesswali jirriżulta illi f'xi żmien din it-tajra protetta kienet fil-pussess fiżiku tal-appellant, la darba Roderick Borg baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri, u allura dak li seta' ngħad minnu lill-Uffiċjali tal-Pulizija u lill-Uffiċjali tal-ERA u tal-WBRU fuq il-post dwar il-kollezzjoni ta' missieru,

[4] A fol. 41 tal-proċess.

ma jagħmilx prova tal-veraċita` ta' tali kliem, u la darba t-tajra nstabet fil-pussess materjali ta' Roderick Borg, ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi, jekk it-tajra protetta kinitx tinsab fir-residenza u fil-pussess tal-iben, li da parti tiegħu kien qed iżommha għall-istess appellant, jew inkella jekk tali tajra kinitx ingħatat mill-appellant lill-iben. Fl-ewwel ipoteżi, seta' jingħad illi fil-parametri temporali taċ-ċitazzjoni odjerna, il-missier ossia l-appellant kellu l-pussess kostruttiv tal-istess tajra, miżmuma materjalment mill-iben għall-istess appellant. Fit-tieni ipoteżi, madankollu, ma jistax jingħad illi l-appellant żamm il-pussess kostruttiv tal-istess tajra. Għaldaqstant, la darba din l-intenzjoni tal-appellant ma tirriżultax mill-provi prodotti, id-dubju għandu jmur favur l-appellant, b'dan għalhekk illi lanqas jista' jingħad illi jirriżulta ppruvat fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-appellant kellu l-pussess materjali jew kostruttiv, il-kontroll jew iż-żamma ta' dik it-tajra protetta, fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni.

22. Dan għalhekk ifisser illi l-ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija fl-appellant dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, kif dedotti fil-konfont tal-istess appellant.

23. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta wkoll illi ma jirriżultax illi l-għasafar ġew mormija minnu fil-perjodu mniżżel fiċ-ċitazzjoni u lanqas li ddispona minnhom fil-fond 17/2, Triq Maestro Filippo Galea, Żebbuġ.

24. In kwantu din l-imputazzjoni, l-appellant isostni wkoll fit-<u>tieni aggravju tiegħu</u> illi r-Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 ġie mħassar permezz tal-Avviż Legali 107 tas-sena 2022. Għalkemm dan huwa minnu, ir-Regolament 21(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 jgħid hekk:

> Ebda persuna ma tista' tittrasferixxi jew b'xi mod ieħor tarmi xi għasfur jew għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li jkun ġie dikkjarat permezz ta' applikazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, sakemm ma jkunx ġie awtorizzat bil-miktub mit-Taqsima tar-Regolamentazzjonigħall-Għasafar Selvaġġi

B'dan għalhekk illi minkejja t-tħassir tar-Regolament 4(2), ir-rimi ta' tali għasafar mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, jibqa' kontra l-liġi.

25. Illi in kwantu għal dik il-parti tal-ewwel aggravju tal-appellant li tirreferi għat-tielet imputazzjoni, madankollu, huwa minnu illi għalkemm l-appellant jammetti illi huwa rema t-tajr in kwistjoni għaliex dan tmermer, huwa ma jgħidx meta għamel dan. In oltre la darba Roderick Borg baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri, dak li ngħad minnu fis-sens illi dawn intremew minn missieru meta ġie biex jittrasferrixi l-kollezzjoni tiegħu lil ibnu, ma jagħmilx prova tal-veraċita` ta' din id-dikjarazzjoni u jibqa' biss *detto del detto* u allura prova biss li dak il-kliem intqal. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-perjodu temporali indikat fiċ-ċitazzjoni huwa l-istess wieħed li jiċċirkoskrivi l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u dan billi din l-imputazzjoni tirreferi għall-"*istess data, hinijiet u granet ta' qabel*" u għalhekk għall-jiem ta' bejn it-23 ta' Novembru 2021 u t-30 ta' Novembru 2021. Fiċ-ċirkostanzi, la darba ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet redatta b'tali mod illi ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi illi dak l-egħmil tal-appellant seħħ fil-perjodu indikat fl-istess ċitazzjoni, l-ewwel Qorti lanqas ma setgħet issib ħtija fl-appellant f'din l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu.

26. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet *supra*, m'hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tinoltra ruħha fit-tielet aggravju mqajjem mill-appellant in kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

## DECIDE

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant John BORG, tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata mogħtija fil-konfront tiegħu, u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**